MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 833/2008

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**Vs**

**Robert Zaffarese**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Ottubru, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba` mija u hamsa u ghoxrin euro u sitta u sebghin centezmu (Euro1,425.76c) rapprezentanti bilanc ta` prezz skond client contract number 1006600 in konnessjoni ma` servizzi rezi fix-xhur ta` bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` April, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz rigwardanti l-Kap ta` l-ispejjez jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-23 ta` Jannar, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-konvenut naqas li jikkontesta formalment it-talba attrici.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` Euro1,425.76c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif rikjesti a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------